31998D0575

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-16 ta' Settembru 1998
dwar ir-regolament tekniku komuni għall-ħtiġijiet ġenerali ta' twaħħil għal stazzjonijiet mobbli maħsuba biex ikunu wżati ma' networks pubbliċi tat-telekomunikazzjonijiet ċellulari diġitali Fażi II li jaħdmu fil-firxa GSM 1 800 (it-2 edizzjoni)

(notifikati taħt dokument numru K(1998) 2721)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(98/575/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 1998 li għandha x'taqsam mat-tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u tagħmir ta' stazzjon terrestri tas-satellita, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom [1], u partikolarment l-Artikolu 7(2), it-tieni inċiż, tagħha,

Billi l-Kummissjoni adottat il-miżura li tidentifika identifikat it-tip ta' tagħmir terminali tat-telekommunikazzjoni li għalih huwa meħtieġ regolament tekniku komuni, kif ukoll id-dikjarazzjoni dwar il-qasam ta' applikazzjoni assoċjat miegħu skond l-Artikolu 7(2) l-ewwel inċiż;

Billi għandhom ikunu adottati l-i*standards* armonizzati korrispondenti, jew partijiet ta' dawn, li jimplimentaw il-ħtiġiet essenzjali li għandhom jitbiddlu f'regolamenti tekniċi komuni;

Billi biex tkun assigurata kontinwità ta' l-aċċess għas-swieq għall-manifatturi, huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti disposizzjonijiet transitorji fir-rigward ta' tagħmir approvat taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/528/KE [2];

Billi d-Deċiżjoni 97/528/KE għandha tkun revokata b'effett minn tmiem il-perjodu transitorju;

Billi l-proposta ġiet sottomessa lill-Kumitat (ACTE), skond l-Artikolu 29(2);

Billi r-regolament tekniku komuni adottat f'din id-Deċiżjoni huwa fi qbil ma' l-opinjoni ta' l-ACTE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal tagħmir terminali maħsub li jkun imqabbad ma' *network* pubbliku tat-telekomunikazzjonijiet u li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-i*standard* armonizzat imsemmi fl-Artikolu 2(1).

2. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regolament tekniku komuni li jkopri l-ħtiġiet ta' aċċess għal tagħmir terminali għan-*networks* pubbliċi tat-telekomunikazzjonijiet ċellulari diġitali Fażi II *networks* pubbliċi tat-telekomunikazzjonijiet ċellulari diġitali b'Fażi II li jaħdmu fuq il-firxa DCS 1 800 b'separazzjoni bejn il-kanali ta' 200kHz u li ġġorr kanali ta' traffiku skond il-prinċipju tat-TDMA. Id-Deċiżjoni għandha tapplika wkoll għal tagħmir terminali li jkun kapaċi jopera kemm fil-firxa ta' frekwenza GSM 900 kif ukoll GSM 1 800.

Artikolu 2

1. Ir-regolament tekniku komuni għandu jinkludi l-i*standard* armonizzat imħejji mill-korp relevanti ta' standardizzazzjoni li jimplimenta sal-limitu applikabbli l-ħtiġiet essenzjali msemmija fl-Artikolu 5(ċ) sa (f) tad-Direttiva 98/13/KE. Ir-riferenza għall-i*standard* hija mniżżla fl-Anness I. Il-partijiet applikabbli jinsabu fl-Anness II.

2. It-tagħmir terminali kopert b'din id-Deċiżjoni għandu jkun konformi mar-regolament tekniku komuni msemmi fil-paragrafu 1, għandu jilħaq il-ħtiġiet essenzjali msemmija fl-Artikolu 5(a) u (b) tad-Direttiva 98/13/KE, u għandu jilħaq il-ħtiġiet ta' kull Direttiva oħra applikabbli, partikolarment id-Direttivi tal-Kunsill 73/23/KEE [3] u 89/336/KEE [4].

Artikolu 3

Korpi notifikati nominati biex iwettqu l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 98/13/KE għandhom, fir-rigward ta' tagħmir terminali kopert bl-Artikolu 1(1) ta' din id-Deċiżjoni, jużaw jew jassiguraw l-użu tal-partijiet applikabbli ta' l-i*standard* armonizzat imsemmi fl-Artikolu 2(1) wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 74, tat-12.3.1998, p. 1.
[2] ĠU L 215, tas-7.8.1997, p. 60.
[3] ĠU L 77, tas-26.3.1973, p. 29.
[4] ĠU L 139, tat-23.5.1989, p. 19.

Artikolu 4

1. Id-Deċiżjoni 97/528/KE għandha tkun revokata b'effett mid-data ta' tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

2. Tagħmir terminali, approvat taħt id-Deċiżjoni 97/528/KE jista' jitkompla jitqiegħed fis-suq u mqiegħed fis-servizz basta li approvazzjoni bħal din tkun ingħatat sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, is-16 ta' Settembru, 1998.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Riferenza għall-i*standard* armonizzat applikabbli

L-i*standard* armonizzat imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni huwa:

Sistema ta' telekomunikazzjonijiet ċellulari diġitali (Fażi II)

Ħtiġijiet ta' twaħħil għal stazzjonijiet mobbli fil-firxa ta' frekwenza DCS 1 800 u GSM 900 ukoll

Aċċess

ETSI

Istitut Ewropew ta' l-I*standards* ta' Telekomunikazzjoni

Segretarjat ETSI

TBR31 Edizzjoni 2: Marzu 1998

(eskluża d-daħla)

Tagħrif addizzjonali

L-Istitut Ewropew ta' l-I*standards* ta' Telekomunikazzjoni huwa rikonoxxut skond id-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE [1]

L-i*standard* armonizzat imsemmi hawn fuq ġie prodott skond mandat maħruġ fi qbil ma' proċeduri relevanti tad-Direttiva 83/189/KEE.

It-test sħiħ ta' l-i*standard* armonizzat imsemmi hawn fuq jista' jinkiseb mill-:

Istitut Ewropew ta' l-I*standards* ta' Telekomunikazzjoni
650 Route des Lucioles
F-06921 Sophia Antipolis Cedex

Kummissjoni Ewropea,
DG XIII/A/2 - (BU 31, 1/7).
Rue de la Loi/Wetstraat 200,
B-1049 Brussels

jew minn kull organizzazzjoni oħra responsabbli milli tagħmel l-i*standards* ETSI disponibbli, li lista tagħhom tista' tinstab fuq l-Internet fl-indirizz *www.ispo.cec.be*.

[1] ĠU L 109, tas-26.4.1983, p. 8.

ANNESS II

Partijiet applikabbli ta' TBR 31 (edizzjoni 2)

Ħtieġa ta' TBR 31

11.1.1	11.1.2	11.2	11.3	11.4	11.5
12.1.1	12.1.2	12.2.1	12.2.2	13.1	13.2
13.3-1	13.4	14.1.1.2	14.1.2.2	14.2.1	14.2.2
14.2.3	14.2.4	14.3	14.4.1	14.4.2	14.4.4
14.4.5	14.5.1	14.5.2	14.6.1	14.6.2	14.7.1
14.8.1	14.8.2	15	16	17.1	17.2
18	19.1	19.2	19.3	20.1	20.2
20.3	20.4	20.5	20.6	20.7	20.8
20.9	20.10	20.11	20.12	20.13	20.15
20.16	20.17	20.19	20.20.1	20.20.2	21.1
21.2	21.3.1	21.3.2	21.4	22	25.2.1.1.1
25.2.1.1.2.1	25.2.1.1.2.2	25.2.1.1.2.3	25.2.1.1.3	25.2.1.1.4	25.2.1.2.1
25.2.1.2.2	25.2.1.2.3	25.2.1.2.4	25.2.2.1	25.2.2.2	25.2.2.3
25.2.3	25.2.4.3	25.2.5.1	25.2.5.2	25.2.6.1	25.2.6.2
25.2.7	26.2.1.1	26.2.1.2	26.2.1.3	26.2.2	26.2.3
26.2.4 pr1	26.2.4 pr2	26.2.4 pr3	26.2.4 pr4	26.2.4 pr5	26.2.4 pr6
26.2.4 pr7	26.2.4 pr8	26.5.1	26.5.2.1.1	26.5.2.1.2	26.5.2.2
26.5.2.3	26.5.3.1	26.5.3.2	26.5.3.3	26.5.3.4	26.5.4.1
26.5.5.1.1.1	26.5.5.1.1.2	26.5.5.1.2	26.5.5.2.1	26.5.5.2.3	26.5.5.3.1.1
26.5.5.3.2	26.5.6.1.1	26.5.6.1.2	26.5.6.2.1	26.5.6.2.4	26.5.6.3
26.5.7.1.1	26.5.7.1.3	26.5.7.1.4	26.5.7.2	26.5.7.3	26.6.1.1
26.6.1.2	26.6.1.3	26.6.1.4	26.6.2.1.1	26.6.2.1.2	26.6.2.1.3
26.6.2.2	26.6.2.3.1	26.6.2.3.2	26.6.2.4	26.6.2.5	26.6.3.1
26.6.3.2	26.6.3.3	26.6.3.4	26.6.3.6	26.6.4.1	26.6.4.2.2
26.6.5.1-1	26.6.5.1-2	26.6.5.1-3	26.6.5.1-4	26.6.5.1-5	26.6.5.1-6
26.6.5.1-7	26.6.5.1-8	26.6.5.2-1	26.6.5.2-2	26.6.5.2-3	26.6.5.2-4
26.6.5.2-5	26.6.5.2-6	26.6.5.2-7	26.6.5.2-8	26.6.5.2-9	26.6.5.2-10
26.6.5.3-1	26.6.5.3-2	26.6.5.4-1	26.6.5.4-2	26.6.5.4-3	26.6.5.4-4
26.6.5.5.1	26.6.5.5.2	26.6.5.6	26.6.5.7	26.6.5.8	26.6.5.9
26.6.6.1	26.6.7.1	26.6.8.4	26.6.8.5	26.10.2.1	26.10.2.2
26.10.2.3	26.10.2.5	26.10.3.1	26.6.12.1	26.6.12.2	26.6.12.3
26.6.12.4	26.6.13.3	26.6.13.5	26.6.13.6	26.6.13.8	26.6.13.9
26.6.13.10	26.7.1	26.7.2.1	26.7.2.2	26.7.3.1	26.7.3.2
26.7.4.1	26.7.4.2.1	26.7.4.2.2-1	26.7.4.2.2-2	26.7.4.2.3	26.7.4.2.4 pr1
26.7.4.3.1	26.7.4.3.2	26.7.4.3.3	26.7.4.3.4	26.7.4.5.1	26.7.4.5.2
26.7.4.6	26.7.5.3	26.7.5.5	26.7.5.7.1	26.8.1.2.2.1	26.8.1.2.2.2
26.8.1.2.3.2	26.8.1.2.3.5	26.8.1.2.3.6	26.8.1.2.4.2	26.8.1.2.4.3	26.8.1.2.4.4
26.8.1.2.4.5	26.8.1.2.4.6	26.8.1.2.4.7	26.8.1.2.4.8	26.8.1.2.4.13	26.8.1.2.5.2
26.8.1.2.5.3	26.8.1.2.6.2	26.8.1.2.6.3	26.8.1.2.6.5	26.8.1.2.6.6	26.8.1.2.7.1

26.8.1.2.7.3	26.8.1.2.8.1	26.8.1.2.9.1	26.8.1.2.9.2	26.8.1.2.9.4	26.8.1.3.1.1
26.8.1.3.3.1	26.8.1.3.3.3	26.8.1.3.3.4	26.8.1.3.4.2	26.8.1.3.4.3	26.8.1.3.4.8
26.8.1.3.5.2	26.8.1.3.5.3	26.8.1.3.5.4	26.8.1.3.5.5	26.8.1.4.2.1	26.8.1.4.3.1
26.8.1.4.3.2	26.8.1.4.5.1	26.8.2.1	26.8.2.2	26.8.2.3	26.8.3
26.9.2	26.9.3	26.9.4	26.9.5	26.9.6.1.1	26.9.6.1.2
26.9.6.2.1	26.9.6.2.2	26.11.2.1	26.11.2.2.1	26.11.2.2.2	26.11.2.3
26.11.3.1	26.11.3.2	26.11.5.1	26.12.1	26.12.2.1	26.12.2.2
26.12.3	26.12.4	26.12.5	27.3	27.4	27.5
27.6	27.7	27.10	27.11.1.1	27.11.1.2	27.11.1.3
27.11.1.4	27.11.1.5	27.11.2.1	27.11.2.2	27.11.2.3	27.11.2.4
27.11.3	27.12.1	27.12.2	27.14.3	27.14.4	27.17.1.1
27.17.1.2	27.17.1.3	27.17.1.4	27.17.1.5.1	27.17.1.5.2	27.17.1.5.3
27.17.1.5.4	27.17.2.1.1	27.17.2.1.2	27.17.2.2	27.17.2.3	27.17.2.5
27.18.1	27.18.2	27.19	27.20.	27.21.1	27.21.3
27.21.4	29.3.2.6.7	29.3.2.6.9	29.3.3.2	29.3.3.3	29.3.3.5
31.6.1.1	31.6.1.2	31.6.1.5	31.6.1.6	31.6.1.7	31.6.1.8
31.6.2.1	31.6.2.2	31.6.2.3	31.6.2.4	31.6.2.5	31.8.1.1
31.8.3.1	31.10	32.11	32.12	33.6	34.2.1
34.2.2	34.2.3	34.2.5.3	34.3		